# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 558/2023GG**

**George Degiorgio (KI 00164963M)**
**Alfred Degiorgio (KI 00541264M)**

**Kontra**

**Avukat tal-Istat,**
**Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghal-Servizzi Korrettivi**
**Ministru ghall-Intern, is-Sigurta', ir-Rikofrma u l-Ugwaljanza**
**Ministeru ghal Gustizzja**

Sentenza dwar it-tieni eccezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-intimati.

Illum 26 ta' Frar 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors**[1] mahluf **ta' George Degiorgio u ta' Alfred Degiorgio** pprezentat quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

> Illi din hija kawża għal rimedju fit-termini tad-disposizzjoni tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem**, stante li l-esponenti huma indebitament mċaħda milli, debitament u b'kull dritt, jussfruġġxu mid-disposizzjonijiet tal-**Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta**, ossia l-**Att dwar il-Ħabs**, u l-liġijiet sussidjarji relevanti, senjatament il-Liġi Sussidjarja 260.03 **'Regolamenti dwar il-Ħabs'**, u dan bi ksur kemm tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif ukoll, kif se jigi ben ippruvat fil-kawża, bi ksur tal-liġi nostrana;
>
> Illi l-esponenti kienu għamlu diversi talbiet taħt ir-**Regolament 61 tal-imsemmiha Liġi Sussidjarja 260.03** fis-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), fejn l-aħħar talba, mertu ta' dan il-humli rikors, ġiet evalwata u mċaħda mill-awtoritajiet odjerni b'mod illegali, mingħajr ebda sostenn mill-liġijiet applikabbli, u liema proċess amministrattiv, inkluż l-eżitu finali, jiddepartixxi totalment mis-saltna tad-dritt. Dan ir-Regolament 61 huwa titolat bħala ***'Leave mill-ħabs'***, liema Regolament jistipula l-kunċett ta' dak li jissejjah prison leave fil-liġijiet tar-Repubblika ta' Malta. Prison leave huwa kunċett li jinstab fil-qafas ta' kull pajjiż demokratiku li jħares u jippreserva d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, fejn liema kunċett jagħmel eċċenni li prigunier, inkluż persuni detenuti taħt l-ambitu ta' arrest preventiv/temporanju, ma jitlifx id-dritt li żomm kuntatt mal-familjari tiegħu jew tagħha minn aspett ta' attendenza għal ċerti avvenimenti u/jew attivitajiet privati u/jew intimi relatati mal-familja diretta ta' tali prigunier/detenut. Huwa fatt irrevokabli li l-kunċett tal-prison leave huwa kunċett disponibbli anki għal dawk il-prigunieri kundannati li qed jiskontaw sentenza karcerarja għal għomor, kif infatti jiġri hawn fil-gżejjer Maltin, u huwa għalhekk li l-aġir tal-Agenzija għal Servizzi Korrettivi, kif appoġġat mill-Ministeru għal Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, imur mhux biss kontra s-saltna tal-liġi (mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew raġuni plawżibbli), iżda kontra varji precedenti (anki riċentissimi) konċernanti ma' prigunieri oħra li prattikament qed jiskontaw fl-istess ġurisdizzjoni u legali tar-rikorrenti. Propju hemm se ġie ben

[1] Fol. 1 sa 9

ippruvat l-element ta' diskriminazzjoni u l-iskartar tas-saltna tal-liġi u tad-dritt a skapitu ta' u bi ħsara reparabbli fuq ir-rikorrenti;

Illi r-**Regolament 61 tal-Liġi Sussidjarja 260.03**, ossia r-regolament li jirrigwarda prison leave, jgħidilna li l-prison leave jista' jingħata mill-Kap Eżekuttiv, skond dawk id-direttivi ġenerali li jistgħu jingħataw mill-Ministru minn fejn għal fejn, lil prigunier taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kap Eżekuttiv jista' jiddeċiedi skond dawk id-direttivi, għal raġunijiet kompassjonibbli għal perjodu li l-Kap Eżekuttiv jikkunsidra li jkun fejn biżżejjed biex jippermetti lill-prigunier jattendi s-servizz religjuż u d-dfin f'każijiet tal-mewt ġarib viċin;

Illi l-imsemmijin direttivi ġenerali li jistgħu jingħataw mill-Ministru minn fejn għal żmien, fil-preżent u sa fejn ir-rikorrenti ġew informati, huma dawk li hekk jissejħu ***'Prison Leave - General Directives No. 1 of 2016'***. Dawn id-direttivi infatti jindirizzaw spesifikament xenarji fejn prison leave ta' din in-natura jista' jew ma jistax jingħata, u d-dicitura stess tindika li l-Ministru konċernanti mal-amministrazzjonijiet ta' ħabsijiet igawdi minn livell konsiderevoli ta' diskrezzjoni. Nonché id-diskrezzjoni kara tal-Ministru b'tali direttivi, fejn ħaġa għal prison leave (jekk kemm il-darba tkun ġustifikabbli) setgħat tiġi spjegata permezz ta' permess minn l-ogħla awtorità, ir-rikorrenti xorta waqgħu mċaħda milli jattendu avveniment tant kritiku f'ħajjithom, il-mewt **prevedibbli** ta' ħuhom, **u dan mingħajr ebda spjegazzjoni**, meta kemm il-liġi kif ukoll id-direttivi jagħtu diversi raġunijiet għalfejn talba tista' jew għandha tiġi mċaħda. Dan jista' faċilment jiġi ppruvat għaladarba jiġu esebiti f'din il-kawża dawn id-direttivi u ssir debita referenza għad-disposizzjonijiet tagħhom;

Illi f'dan ir-rigward, jerġa jsir eċċenni għall-**Regolament 61 tal-Liġi Sussidjarja 260.03**, fejn fis-**sub-inciz** (c) hemm imnizzel li prison leave għandu jingħata bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-**Regolament 2 u Regolament 7(6) tal-istess Liġi Sussidjarja 260.03**. Illi mingħajr ma wieħed jidħol fi kwistjonijiet ta' korrettezza u effikaċja fl-amministrazzjonijiet tal-***'Records and Registry Unit'*** fi ħdan l-Agenzija għal Servizzi Korrettivi, jidher ben ċar illi meta ġiet mitluba tali informazzjoni mill-Agenzija, dejjem fl-ambitu tal-Artikolu 61, l-Agenzija naqset milli tori tali informazzjoni lill-rappreżentanza legali tar-rikorrenti! Issa dan seta' jkun jew għax l-Agenzija mhux qiegħda f'pożizzjoni li żżomm informazzjoni aġġornata b'mod rett skond il-liġi, u dan iservi każ ċar minnhom, jew

l-Agenzija baqgħet tirrifjuta li tagħti informazzjoni lill-rappreżentanza legali tar-rikorrenti propju minħabba l-identità personali tal-istess rikorrenti, li **tiġi l-agħar forma ta' diskriminazzjoni**;

Illi di piu', nonostante is-supost, meta r-rikorrenti wara provaw jiksbu forma ta' spjegazzjonijiet mill-awtoritajiet konċernanti, senjatament mill-Kap Eżekuttiv tal-Agenzija għal Servizzi Korrettivi, l-ispjegazzjoni verbali kienet li d-deċiżjoni finali li ttieħdet fuq it-talba tar-rikorrenti għal prison leave biex jattendu funeral ma kienet għażla tiegħu, iżda madanakollu ma setax jgħid min impona d-deċiżjonijiet finali, jekk hux l-Agenzija għal Servizzi Korrettivi jew il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza. Għal bidu r-rikorrenti rrikorrew għal assistenza legali sabiex tiġi fornita xi forma ta' spjegazzjonijiet, imqar waħda limitata, iżda meta tali assistenza legali talab formalment għal udjenza ai termini tar-**Regolament 18 tal-Liġi Sussidjarja 260.03**, din it-**talba ġiet sfaccatament injorata**, bi ksur ta' varji precedenti, u hawnhekk jerġa' joħroġ l-element ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Propju għax ir-rikorrenti huma min huma, il-Kap Eżekuttiv għall-Agenzija għal Servizzi Korrettivi, forsi b'istruzzjonijiet mis-sid politiku tiegħu, iddeċieda li jeħdihom mill-iktar dritt bażiku fejn lanqas il-Kap Eżekuttiv u wisq inqas il-Ministru ma għandhom diskrezzjoni sabiex iċaħdu jew jinjoraw!;

Illi mhijiex xi ħaġa sorprendenti illi l-kunċett tal-prison leave kien suġġett ta' numru ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fejn sentenza minnhom tmiss eżatt ir-raison d'être ta' dan il-umli rikors. Fil-kawża ta' *Lind v. Russia*, kienet il-Qorti Ewropea stess li ddikjarat li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, għalkemm ma jagħtix dritt awtomatiku għal detenut sabiex iżur qarib marid, tista' tħalli għall-awtoritajiet lokali u domestici sabiex jevalwaw il-kunsiderazzjonijiet partikulari li jċirkondaw il-passagg sigur ta' prigunier minn punt għal ieħor, u dan dejjem skond il-mertu ta' kull talba. Madanakollu, ġie ben sottolineat illi għalkemm l-awtoritajiet igawdu minn livell ta' diskrezzjoni li lanqas il-Qorti Ewropea stess ma tista' tiskritunizza, dan il-livell ta' diskrezzjoni jiġi biss mill-fatt li l-awtoritajiet lokali jipprocedu skond il-qagħda tal-applikant quo detenut li qed jitlob il-prison leave, liema qagħda hija influwenzata minn fatturi ta' sigurta' u proceduri kriminali pendenti. Allura, dato li l-awtoritajiet lokali huma konċessji tali diskrezzjoni għal talbiet ta' prison leave li iqajmu ċertu kunsiderazzjonijiet, jekk ikun hemm eċċezzjoni għal talba ta' prison leave, din il-limitazzjoni

<u>ferm għawġa fuq l-applikant quo prigunier/detenut għandha tkun ġustifikata biss jekk kemm-il darba jiġi muri li tali eċċezzjoni u limitazzjoni hija neċessarja f'soċjetà demokratika</u>;

Illi l-Qorti Ewropea irriteniet illi huwa d-dmir tal-Istat Membru, ossia għal grazzja ta' dan il-umli rikors, ir-Repubblika ta' Malta, biex tipprova li tali neċessità verament kien hemm bżonn sabiex bniedem sentenzjat u/jew persuna detenuta taħt il-kura u kustodja estiza tal-Ministru għall-Intern, is-Sigurta', ir-Riformi u l-Ugwaljanza, jiġi mxehhed milli jżur qarib marid/a u/jew jattendi funerali ta' qarib. Infatti, kienet il-Qorti Ewropea stess li rriteniet li n-neċessità li tiġi aċċettata talba għall-prison leave għandha tkun neċessità li <u>**verament**</u> kienet teżisti u li kienet tqajjem pressjoni bħala bżonn soċjali ("pressing social need"), kif elaborat fil-imsemmija kawża **Lind v. Russia**. Illi fost il-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġu evalwati n-neċessitajiet li waslu għal eċċezzjoni għal talba kompassjonevoli għall-prison leave, senjatament funeral ta' qarib viċin, liema neċessitajiet iridu bilfors jkunu neċessarji f'soċjetà demokratika. Dawn il-fatturi jinkludu:

i. I-stadju tal-proceduri kriminali pendenti relatati (fejn fil-mertu ta' dan l-umli rikors, is-sitwazzjoni hija prattikament res judicata);ii.
ii. In-natura tal-offiża li għalih l-applikant huwa detenut/sentenzjat (fattur li fil-mertu ta' dan l-umli rikors, hemm prigunieri oħrajn inkarcerati fuq reati simili u mhumiex diskriminati bl-istess mod bħall- rikorrenti);
iii. Il-karattru tal-applikanti/quo rikorrenti (li fil-mertu ta' dan l-umli rikors, din l-Onorabbli Qorti se tara kondotta impekkabbli f'kull ħin tal-inkarcerazzjoni da parti r-rikorrenti);
iv. Il-gravità tas-saħħa tal-qarib viċin (f'dan il-każ, qed nitkellmu litteralment fuq qarib mejjet);
v. Il-qrubija u/jew sangwinità bejn il-prigunier u l-qarib in kwistjoni;
vi. Il-possibilità ta' skorta provduta (element li huwa awtomatikament konness mal-kura u kustodja fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi).

Illi tant il-Qorti Ewropea tikkonsidra talba għal leave kompassjonevoli, specifikament talba għal attendenza għal funeral, talba sensittiva, li fl-istess każ ta' **Lind v. Russia**, il-Qorti sabet li ċ-ċaħda għal talba tal-applikant biex isiefer sabiex jara lil missieru, anki in vista' ta' talba tempestiva, ma kienux raġunijiet suffiċjenti sabiex tali talba għal prison leave tiġi miċħuda. Ahseb u ara meta l-Qorti tevalwa l-kuntest fil-qafas ta' dan l-umli rikors li t-talba tar-rikorrenti

ma kienet tinvolvi l-ebda safra u kienet saret f'temp ferm entro termine u anki saret f'ċirkostanzi fejn il-Kap Ezekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi kien qiegħed jistenna it-tali talba mir-rikorrenti! Igifieri, f'kelma waħda, skond ir-riga tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ma kien hemm l-ebda ostakolu raġonevoli, li seta' joħrog biss mill-prinċipji ta' soċjetà demokratika, li jiġġustifika n-neċessità tal-ċaħda tat-talba tal-prison leave magħmula mir-rikorrenti, u allura ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni għan-neċessità tal-limitazzjonijiet serji fuq l-istess rikorrenti mit-tgawdija tal-prison leave skond il-ligi.

Illi l-Qorti Ewropea stess taħrif li funerali ormai huma okkasioni li jiġru ħabta u sabta, u ħafna drabi l-mewt tiġi bħal sajjetta f'nofs il-bnazzi. Allura, talba għal prison leave kompassjonevoli, senjatament għal funeral, għandha titqies mill-awtoritajiet minn aspett li talba hekk hija kważi mistennija li tiġi ħabta u sabta. Dan x'qalet il-Qorti Ewropea rigward in-natura ta' talbiet ta' prison leave relatati mal-funerali, u fuq kemm hu bżonnjuż li l-awtoritajiet ikunu flessibbli għal dan il-għan. Allura, kemm hi ħaġa iktar skjakkanti li sofrew ir-rikorrenti, meta saħansitra kienet saret talba sabiex wieħed minnhom iżur lil istess Joseph Degiorgio meta kien fl-aħħar stadju nett ta' ħajtu, u ġie miċħud!

Illi dato li mhux kull talba għal prison leave għandha tiġi milqugħa, u dato li kull talba għandha tiġi evalwata fil-kuntest u fiċ-ċirkostanzi attwali taż-żmien li fiha t-talba tkun saret, madanakollu, 1-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi kien ben konsapevoli taċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti u l-mewt imminenti tal-qarib viċin tagħhom, Joseph Degiorgio. Igifieri, żgur li 1-Kap Ezekuttiv ma jista' qatt jissolleva l-argument li t-talba tar-rikorrenti kienet waħda intempistiva, għax lanqas il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma tagħti sostenn lil dan l-argument. U kemm tiġi iktar prevalenti u skjakkanti d-diskriminazzjoni muriha lejn ir-rikorrenti minn parte l-awtoritajiet konvenuti, meta t-talba għal prison leave kienet prevista, iżda l-indikazzjoni kienet li d-deċizzjoni tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi, taħt kull ċirkostanza, bil-permess tal-Qorti jew le, kienet se tkun miċħuda. Dan it-fatt wassal biex wieħed mir-rikorrenti lanqas intavola appell quddiem il-Qorti odierna għal awtorizzazzjonijiet skond ir-Regolament 61(2)(b) tal-**Ligi Sussidjarja 260.03** (u dan bħala persuna taħt arrest preventiv f'każ kriminali pendenti). Fir-rigward ir-rikorrent Alfred Degiorgio, id-diskrezzjoni kienet u tibqa' taħt il-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi, u għal xi raġuni stramba pproceda b'mod abusiv

u diskriminatorju kemm fid-deċiżjonijiet rigward it-talba għal prison leave u kemm fit-trattament lejh meta ntalbet debita raġuni għaliex wassal għal ċaħda ta' tali talba għal prison leave.

Illi filwaqt li din l-Onorabbli Qorti se tapprezza li l-qafas tal-gurisprudenza Ewropea, li huwa kkotat, jagħmel riferiment għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, ossia fid-dritt għal tgawdija tal-familja, it-tali gurisprudenza tinvolvi xenarji fejn ir-rikorrenti kellu kull opportunità li jiddjaloga mal-awtoritajiet fuq il-mertu tat-talba għal prison leave, liema djalogu ċertament wassal għal deċiżjoni finali li ġiet uffiċjalment komunikata. Iżda fil-każ taċ-ċirkostanzi tal-każ mertu għal dan l-umli rikors, hawnhekk il-Qorti se tiġi rinfaccata xenarju fejn ir-rappreżentanza legali tagħti komunikazzjonijiet għal spjegazzjonijiet minn parte l-awtoritajiet, u l-ebda risposta ma tingħata. Hwejjeg surreali li jiġru biss f'pajjiżi dittatorjali. Fid-dawl tal-korrispondenza li se tiġi eventwalment esebita għal benefiċċju tal-Onorabbli Qorti, wieħed legittimament jista' jistaqsi: f'liema univers jista' l-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi jiggustifika n-nuqqas ta' azzjoni fuq talba skond ir-Regolament 18 tal-Ligi Sussidjarja 260.03? F'liema xenarju inkobuz jista' Kap Ezekuttiv tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi jeqred prigunier milli jkellem lil Bord tal-Monitoragg? L-unika xenarju fejn jiġri huwa f'pajjiżi dittatorjali li l-istorja nfisha wasslitom għad-destini tal-waħda; hemm biss issibhom dan l-aġir mill-awtoritajiet. U huwa propju hawn fejn ir-rikorrenti ġustament jallegaw ksur tal-**Artikolu 3 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi r-rikorrenti jagħmlu referenza li l-aġir tal-Agenzija għas-Servizzi Korrettivi tul dan il-proċess kollu, anki wara d-data tal-funeral, mexa b'attitudni ferm skorretta, anki lejn ir-rappreżentanza legali tagħhom. Din l-attitudni tinkwadra fl-ambitu tal-Artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea, in kwantu 'aġir degradanti', kif spjegat fil-qafas tal-każijiet ***Gufgen v. Germany, Lascu and Others v. Moldova and Russia, M.S.S. v Belgium and Greece,* u *Tyrer v. The United Kingdom,*** fejn il-gurisprudenza hija ċara li 'aġir degradanti' jinkludi anki aġir li jfittex li jbaxxi u/jew jimmina lill-individwu konċernat, b'nuqqas ta' rispett jew addirittura bi preġudizzju lejn id-dinjità umana tiegħu, u dan mingħajr l-oneru tal-prova li kien hemm skop speċifiku għal eżekuzzjoni ta' tali aġir degradanti. U l-ebda aġir degradanti ma jista' jġiegħel jiġi ġustifikat għax jigi deskritt jew meqjus bħala parti minn messaġġ jew agenda soċjali jew politika kontra l-kriminalità. Anzi, għal kull bona raġuni, qiegħed jigi

mfakkar li dan kollu ġej minn talba diskreta, iżda legali, sabiex prigunier imur jagħti l-aħħar tislima lil ħuh il-mejjet. F'dan il-każ, in kwistjoni mertu ta' dan l-umli rikors, ir-rikorrenti dejjem baqgħu mingħajr ebda spjegazzjoni. Kastig żgur, wieħed memorabbli wkoll, b'konsegwenzi ċertament irriversibbli, imma mogħti arbitrarjament u mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew, tal-inqas, spjegazzjoni!

Illi dejjem jibqa' mfakkar illi l-element ta' diskriminazzjoni, anki dik li tigi msejjaħ bħala diskriminazzjoni diretta, tikkonsisti f'hekk: differenza fit-trattament ta' persuni differenti f'senarji analoġiċi jew kwazi-similari, u dan dejjem ibbazat fuq karatteristiċi identifikabbli jew xi forma ta' pożizzjonijiet (status), u dan kif naraw fis-sentenzi ta' ***<u>Biao v. Denmark, Carson and Others v. the United Kingdom, Hoogendijk v. the Netherlands</u>***, u diversi sentenzi oħrajn. Fil-każ mertu ta' dan l-umli rikors, il-Qorti se jkollha kull opportunità tisma' lill-rikorrenti jiddeponu u jispjegaw kif raw b'għajnejhom priguniери li qiegħdin jiskontaw fuq l-istess klassi ta' reati bħal rikorrenti, filwaqt li jigu konċessati talbiet ta' prison leave. U dan dejjem irid jinqara f'isfond illi l-imġieba tar-rikorrenti waqt l-inkarcerazzjoni tagħhom kienet waħda impekkabbli, u li t-talba għal prison leave ġiet miċħuda mingħajr ma ngħataw l-ebda spjegazzjonijiet raġonevoli u/jew oggettivi. Kuntrarjament għal dak li tgħid il-purisprudenza dwar l-importanza ta' raġunijiet inkarcerati, u kriterji legalment sani meta niġu għal limitazzjonijiet tad-drittijiet ta' persuni detenuti u/jew inkarcerati;

Illi l-punt krucjali wara dan l-umli rikors huwa li l-rikorrenti m'humiex jippretendu jew jistennew li kull talba taħt ir-**Regolament 61 tal-Ligi Sussidjarja 260.03** għandha jew se tiġi dejjem milqugħa. Il-kriterji neċessarji sabiex talba ta' din in-natura huma stabbiliti mill-Ligi Sussidjarja 260.03, kombinati ma' dawk imsemmija f'***Prison Leave - General Directives No. 1 of 2016***. Għaldaqstant, jekk kemm il-darba għandha tkun hemm ċaħda leċita għal talba taħt ir-**Regolament 61 tal-Ligi Sussidjarja 260.03**, ir-raġunijiet li wasslu għal ċaħda għandhom faċilment jingħataw, b'referenza ċara għal dawk il-kriterji neċessarji li ma ntlahqux minn naħa l-applikanti quo protestanti. Ir-rikorrenti umilment jissottolineaw li l-proviżjonijiet ta' spjegazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet ċari tal-motivazzjonijiet wara ċaħda għal talba taħt ir-**Regolament 61 tal-Ligi Sussidjarja 260.03** huma ferm importanti, meta talba taħt ir-Regolament 61 tkun skedata bħala "**<u>talba għal raġunijiet kompassijonati</u>**," bi żviluppi irriversibbli (fosthom, li l-mejjet ma jistax jiġi lura biex jittih l-aħħar debita tislima!).

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suspost, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobja:

I. Tordna rimedju effettiv, inkluż b'mod ewlieni udjenza skond ir-Regolament 18 tal-Ligi Sussidjarja 260.03 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' protezzjonijiet minn trattament inuman u degradanti, b'bażi tal-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan minħabba l-mod kif ġew ipproċessati r-rikorrenti, tali mod li qatt ma kienu se jigu akkordati d-drittijiet tagħhom mingħajr spjegazzjonijiet valida u oggettiva, inkluż talbiet għal udjenza ta' bordijiet skond il-liġi;

III. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali billi naqsu li tiġi żgurata protezzjoni tal-liġi, b'bażi tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** (kif inkorporata fil-liġi tagħna a tenur tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan fid-dawl tas-silenzju istituzzjonali fil-konfront tar-rikorrent u r-rifjut għal mekkanizmi legali legalment disponibbli;

IV. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali meta naqsu li tiġi żgurata protezzjoni minn diskriminazzjoni minn xi persuna li taġixxi b'saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika, b'bażi tal-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** (kif inkorporati fil-liġi tagħna a tenur tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan minħabba l-mod kif ġew ipproċessati r-rikorrenti, tali mod li qatt ma kienu se jigu akkordati d-drittijiet tagħhom mingħajr spjegazzjonijiet valida u oggettiva, inkluż talbiet għal udjenza ta' bordijiet skond il-liġi, u dan nonostante li persuni fl-istess qagħda legali tagħhom kienu qed igawdu minn tali drittijiet;

V. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali meta sar indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju tad-dritt għal rispett tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja tagħhom, b'bażi tal-Artikolu **8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** (kif inkorporati fil-liġi tagħna a tenur tal-

Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan meta sar indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt meta ma kienx skont il-liġi u li ma kienx meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi ta' sigurtà nazzjonali u/jew sigurtà pubblika jew biex jiġi evitat id-dizordni jew l-eġmil ta' delitti, u dan nonostante li persuni fl-istess qagħda legali tagħhom kienu qed igawdu minn tali drittijiet;

VI. Tiffissa kumpens xieraq għal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali, bl-opra occorrendo ta' periti nominati;

VII. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti, oltre l-imgħax;

VIII. Taghti dawk il-provvedimenti li jidrhilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, minn issa ingunti ghas subizzjoni.

Rat ir-risposta kongunta tal-intimati minnhom mressqa quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Jannar, 2024:

Illi b`din il-kawza odjerna r-rikorrenti qieghdin jallegaw ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom b`rabta ma` decizjoni tad-Direttur tal-Habs li jichad talba li kienu ghamlu r-rikorrenti sabiex jinghataw *leave* mill-Habs ai termini tal-Regolament 61 tal-Ligi Sussidjajra 260.03 biex jattendu il-funeral ta` huhom li miet fis-sena 2023.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. **Preliminarjament**, jigi eccepit li in vista ta` dak li jiddisponi l-artikolu 181B tal-Kap 12, kemm l-Avukat tal-Istat kif ukoll il-Ministeru ghal Gustizzja m`humiex il-legittimi kontraditturi f`din il-kawza peress li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti tirrigwarda unikament u esklussivament decizjoni li ha il-Kap Ezekuttiv tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin fil-kapacita` tieghu ukoll ta` Direttur

tal-Habs. Kemm l-Avukat tal-Istat u kif ukoll il-Ministeru ghal Gustizzja qatt ma kienu b`xi mod involuti fil-kwistjoni li qieghdin iqajjmu r-rikorrenti u b`hekk ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. **Preliminarjament**, l-esponenti jeċepixxu ukoll illi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv li naqsu milli juzaw għall-pretensjonijiet tagħhom u dan a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak li qieghdin jattakkaw ir-rikorrenti hija effettivament decizjoni ta` rifjut tad-Direttur tal-Habs milli jawtorizza *prison leave* u nuqqas ta` udjenza liema decizjonijiet jaqghu perfettament taht id-definizzjoni ta` "eghmil amministrattiv" u b`hekk huma suggett ghal-stharrig gudizzjarju kif jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap. 12. In vista tal-fatt li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghalihom u ghalhekk qieghdin jabbuzaw mil-proceduri kostituzzjonali odjerni, li fin-natura taghhom huma straordianrji u eccezzjonali, l-esponenti umilment jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw il-*provisos* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu, ir-rikorrenti qieghdin jallegaw li l-fatt li ma inghatawx *prison leave* sabiex jattendu il-funeral ta` huhom, u dan allegatament minghajr l-ebda raguni, iwassal ghal-ksur ta` diversi jeddijiet fundamentali invokati minnhom. Ibda biex, ir-rikorrenti isemmu vjolazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xi ħadd jittratta lil xi ħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition") u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu.

Illi huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilmenta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita' u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġieba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita` li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefr.a Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem *"treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case."* - Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 – 1.

Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman, liema trattament *"covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering"* - ara Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 57.

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita, li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd . Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju - Kost. 18.11.1989 fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: LXXIII.i.185).

L-esponenti jirrilevaw li tenut kont tal-gurisprudenza kif fuq prodotta dwar dan il-jedd, huwa ezagerat li r-rikorrenti issostnu li l-intimati naqsu b`tali mod li dan jammonta ghal trattament inuman u degradanti.

Illi fid-dawl ta' dan qatt ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi agir li jista' jitqies li jammonta ghal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

4. Illi r-rikorrenti jinvokaw ukoll ksur l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u 45 tal-Kostituzzjoni in kwantu qed jallegaw li huma gew diskriminati. L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jindikawx fuq liema kawzali jew stat huma allegatament gew diskriminati. Lanqas ma jabbinaw id-diskriminazzjoni ma' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali l-ohra protetti bil-Konvenzjoni. Illi ghalhekk fuq dawn ir-ragunijiet biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat.

5. Illi l-esponenti jissottomettu illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' '*like with like*'. Mizjud ma' dan, huwa manifest li hija l-mod kif hija miktuba il-ligi dwar il-prison leave din taghti diskrezzjoni assoluta lid-Direttur tal-Habs jiddeciedi jekk jaghtiex jew le *prison leave* u certament ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li kull talba li jaghmlu biex jinghataw prison leave din ser tigi dejjem u bi dritt accettata mid-Direttur tal-Habs.

6. Illi jsegwi ghalhekk li anke dan l-ilment tar-rikorrenti ghandu jigi michud.

7. Illi ir-rikorrent qed jargumentaw ukoll li c-cahda li jattenedu l-funeral ta` huhom jammonta wkoll ghal ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 2007 fil-kawza **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).

9. Ili l-esponenti jirrilevaw li ovvjament persuna li tkun residenti l-habs ser ikollha certu restrizzjonijiet fil-hajja familjari taghha izda dan kollu huwa ghal kollox legittimu u gustifikat peress li tali mizura taqa` taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta` pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta` delitti.

10. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh ta` din il-kawza, fis- 6 ta` Settembru 2023 l-Agenzija tas-Servizzi Korrettivi irciviet zewg applikazzjonijiet minghand ir-rikorrenti sabiex jinghataw *prison leave* biex jattendu il-funeral ta` huhom li kien ser isir fid-9 ta` Settembru 2023. Peress li it-talba ghal dan il-prison leave kienet wahda ta` natura urgenti, ma kienx possibbli li dawn l-applikazzjonijiet jigu decizi mil-Prison Leave Advisory Board u b`hekk ittiehdet decizjoni mill-Awtorita` tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li t-talba tar-rikorrenti tigi rifjutata minhabba fost ohrajn, ragunjiet ta` sigurta`. Id-decizjoni ta` rifjut giet komunikata verbalment lir-rikorrenti u fil-granet ta` wara huma inghataw kopja tad-dokumenti relattivi meta talbuhom tramite l-avukat taghhom.

    Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

11. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

12. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-invokar tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija improponibbli ghaliex ma gietx

imposta ebda piena fuq ir-rikorrrent. Ghaldaqstant ma jistax jissussisti ebda ksur ta' dan id-dritt fundamentali;

13. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-invokar tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll improponibbli in vista tat-tieni eccezzjoni preliminari imressqa mill-esponenti u in vista tal-fatt illi r-rikorrenti ntavola kawza kostituzzjonali. Ghaldaqstant ma jistax jissussisti ksur ta' dan id-dritt fundamentali;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

15. Bl-ispejjez.

**Dahla**:

Din hija sentenza dwar it-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimati li minn natura taghha tehtieg li tkun deciza f'kap separat qabel u jekk ikun hemm prosegwiment tal-kawza. F'din l-eccezzjoni, l-intimati jallegaw li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedju ordinarju miftuh lilhom bl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza illi din il-Qorti ghandha tichad li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha;

**Fatti:**

Is-segwenti hija rassenja tal-fatti relevanti sal-punt ta' din is-sentenza preliminari u ghalhekk ma tkoprix l-mertu kollu li naturalment ghad irid jinstemgha jekk ikun il-kaz. Mill-provi mressqa dwar din l-eccezzjoni kif ukoll mir-rikors promutur li r-rikorrenti ghazlu li jressqu bil-gurament taghhom, jemergi illi r-Rikorrenti huma t-tnejn inkarcerati gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Lura f' Settembru 2023[2] huma ressqu talba lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghal Servizzi Korrettivi fit-termini tar-regolament 61 (1)(b)(i)al-Ligi Sussidjarja

[2] Email fol 12 tal-atti

260.03. It-talba taghhom kienet sabiex jinghataw *prision leave* biex ikunu jistghu jattendu ghall-funeral ta' huhom (fis-sottomissjonijiet finali r-Rikorrenti jallegew li riedu ukoll izuru lil huhom moribond izda l-provi in rigward huma skarsi). Din it-talba kienet michuda mill-Kap Ezekuttiv u meta talbu li jinghataw raguni tramite il-konsulent legali taghhom, baqghu minghajr risposta jew rikonoxximent tal-korrispondenza minbghuta mill-istess legali. Ir-Rikorrenti kienu talbu ukoll li jidhru quddiem il-Monitoring Board "*b'mod kunfidenzjali, mill-aktar fis*";

Jidher illi r-Rikorrenti baqghu ma semghu xejn dwar it-talbiet taghhom bil-konsegwenza illi ma attendewx ghal funeral ta' huhom kif xtaqu. Dan kollu ta lok ghall-protest gudizzjarju[3] esebit in atti li, izda, huwa biss kopja firmata mil-legali tar-Rikorrenti minghajr data u/jew numru u ghalhekk difficli jinghat meta kien presentat. Haga din li fil-fehma tal-Qorti hija mportanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni hawn devoluta. B'dan l-allegat agir tal-Kap Ezekuttiv, ir-Rikorrenti jirritjenu li sofrew lezjoni tal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali

Bl-eccezzjoni in disamina, l-Intimati itennu illi r-Rikorrenti kellhom ifittxu r-rimedju ordinarju qabel ma jadixxu lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, liema rimedju huwa dak revizjoni amministrattiva kif ravvizat fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi huwa palezi illi r-Rikorrenti huma inkarcerati fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ghal zmien twil. Ghalkemm ma ngiebet ebda prova dwar il-mewt ta' hu r-Rikorrenti, jidher li huwa fatt mhux kontestat mill-Inimati. *Qua* persuni nkarcerati, huma jistghu jghamlu talba sabiex jinghataw *prison leave* ghal-ragunijiet kif elenkati fil-provvediment riprodott hawn isfel. Ir-regolament 61 tar-

[3] Ezebit a fol 14 tal-atti

Regolamenti Dwar il-Habs, LS 260.03, maghmula bis-sahha tal-Att Dwar il-Habs, Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> 61. (1) Leave mill-ħabs jista' jingħata mid-Direttur, skond dawk id-direttivi ġenerali li jistgħu jingħataw mill-Ministru minn żmien għal żmien, lil priġunier taħt dawk il-kundizzjomijiet li d-Direttur jista' jiddeċiedi skond dawk id-direttivi kif ġej:
>
> (a) għal perijodu ta' mhux iżjed mimn tnax-il siegħa fl-okkażjoni tat-twelid, żwieġ, jew okkażjoni oħra speċjali tal-familja ta' ulied jew ulied ulied il-priġunier jew fl-okkażjoni speċjali tal-familja tal-konjuġi tal-priġunier, inklużi dawk konnessi ma' qarib viċin;
>
> (b) (i) għal raġunijiet kompassjonevoli għal perijodu li d-Direttur jikkunsidra li jkun żmien biżżejjed biex jippermetti lill-priġunier jattendi s-servizz reliġjuż u d-dfin f'każijiet tal-mewt ta' qarib viċin;
>
> (ii) għal raġunijiet kompassjonevoli għal perijodu li d-Direttur jikkunsidra li jkun żmien biżżejjed biex il-priġunier iżur qarib viċin li jkun marid serjament;

2. Illi skond ir-regolament 2:

> "qarib viċin" tfisser - (a) il-mara jew raġel, jew kull axxendent, dixxendent, ħu jew oħt tal-priġunier.

Allura, sa fejn jikkoncerna dan il-punt, ir-Rikorrenti kellhom kull dritt jitolbu li jinghataw *prison leave* b'dan illi jekk jinghatawx jew le huwa diskors iehor li ma hu ta' ebda siwi ghal-fini ta' dawn il-konsiderazzjonijiet. Dak li r-Rikorrenti qeghdin jikkontestaw huwa l-fatt li wara li t-talba taghhom kienet rifjutata huma talbu gustifikazzjoni tramite il-legali taghhom u dawn it-talbiet kienu injorati b'mod, allura li baqghu ma jafux x'kienet ir-raguni.

3. Issa, fl-eccezzjoni taghhom, l-Intimati jghidu li r-Rikorrenti fittxew it-triq hazina meta marru dritt ghall-kawza ta' natura kostituzzjonali ghaliex l-agir tal-Kap Ezekuttiv setgha kien sfidat b'azzjoni ordinarja kif ravvizat fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament b'talba ghall-stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Ir-Rikorrenti, izda, iwiegbu ghal dan billi jghidu li d-decizjoni tal-Kap Ezekuttiv u n-nuqqas tieghu li jirrikonoxxi t-

talbiet tal-legali taghhom wisq anqas li jiltaqa′ mieghu ma jammontawx ghal-decizjoni amministrattiva. Tajjeb ghalhekk li jkun ezaminat l-artikolu appena msemmi li jipprovdi hekk:

> 469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
>
> (a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
>
> (b) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
>
> (i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
>
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew
>
> (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
>
> (iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.
>
> (2) F'dan l-artikolu -
>
> "egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:
>
> Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;
>
> "awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.
>
> (3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.
>
> (4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra

4. Ezaminat dan il-provvediment, jokkorri jkun mistharreg jekk ir-Rikorrenti kellhomx rimedju ghac-cahda ghat-talba taghhom, jigifieri jekk il-Ligi Sussidjarja tipprovdix rimedju ta' revizjoni jew jekk l-unika triq kienitx rikors ghall-artikolu 469A, dejjem fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn it-talba hija wahda ta' natura urgenti hafna. Minn ezami ta' din il-Ligi Sussidjarja ma jidhirx li hemm procedura li bih prigunier jista' jitlob ghar-revizzjoni ta'decizjoni tad-Direttur tal-Habs. L-aktar li wiehed jista' jqarreb ghall-interpretazzjoni favorevoli fir rigward huwa rikors ghall-Bord ta' Moniteragg kif imfisser fir-regolament 104 u 106 tal-Ligi Sussidjarja izda dan jidher li hu intiz sabiex, fost ohrjan, jkun hemm assessar ta' ilmenti mill-prigunieri. Jekk dan hux hekk jew le hi kwistjoni li trid tkun misharrga fi proceduri ohra ghaliex dan imur 'l hinn mill-kwistjoni hawn devoluta. Minkejja dan, il-legali tar-Rikorrenti kien talab ukoll li jidhru quddiem il-Bord ta' Moniteragg[4] , izda din ir-rikjesta baqghet mhix mwiegba;

5. Deciz il-punt li r-Rikorrenti ma kellhom ebda rimedju iehor taht il-Ligi Sussidjarja, tenut kont tac-cirkostanzi partikolarment urgenti, jsegwi li jkun mistharreg jekk allura ir-rimedju ghar-revizjoni kienx dak lamentat mill-Intimati qabel ma r-Rikorrenti jadixxu lil din il-

[4] Ara email a fol 12 tal-atti

Qorti. Qabel dan, izda, l-Qorti ser tiskarta l-argument mressaq mir-Rikorrenti b'risposta ghall-osservazzjonijiet tal-Intimat li dak li ghamel id-Direttur meta ma wegibx ghat-talba tal-legali taghhom ma jammontax ghall-eghmil. In-nuqqas ta' azzjoni hija fiha nnifisha eghmil u ghalhekk l-argument li l-artikolu 469A jitkellem dwar azzjoniijiet u mhux nuqqas ta' azzjoni huwa wiehed frivolu u ma jisthoqx li jkun konsiderat aktar minn hekk;

6. Dak li l-Qorti tqis ta' siwi hu li l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 huwa wiehed fakoltattiv u mnkien ma jesigi b'mod tassattiv li kwalunkwe azzjoni jew decizjoni ta' xi awtorita', hlief fejn il-ligi tipprovdi mod iehor, hija sindakabbli <u>**biss**</u> b'rikors ghal dak il-procedura. B'zieda ma' dan, il-Qorti trid izzomm fil-mira l-fatt li dan si tratta ta' permess ghall-attendenza ta' funeral u l-artikolu 469A jirraviza procedura li fiha nnifisha li logikament hija ntiza ghall-cirkostanzi ben diversi fejn ma hemmx dik l-ghagla jew urgenza. Dan ghaliex l-istess artikolu jipprovdi li talba ghal revizzjoni trid issir permezz ta' kawza u ma hemmx ghaliex wiehed jiskanta li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni l-ilment tar-Rikorrenti seta' qatt kien mressaq u deciz permezz ta' kawza f'dawk ic-cirkostanzi;

7. Illi b'rabta stretta ma' din il-kwistjoni ta' l-ezawriment tar-rimedju ordinarju, tqis illi l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk fil-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 46 taghha:

> (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> **Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.**

8. Dan il-proviso, rilfess ukoll fil-Kapitolu 319 artikolu 4(2), kien wisq drabi mertu ta' sentenzi tal-qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) u li kellha din il-Qorti tazzarda tfisser fi ftit kliem is-sustanza ta' dawn is-sentenzi ikollha tghid illi l-obbligu li jkunu l-ewwel ezawriti r-rimedji kollha ordinarji mhuhiex wiehed assolut u li kull kaz irid ikun meqjus fuq il-mertu tieghu ghaliex fih innifsu, dan l-obligu jista' jkun li jarreka dannu kontra min ikun qed ifittex rimedju. Issa, filwaqt illi l-Intimati ccitaw sentenzi favur l-eccezzjoni taghhom ir-Rikorrenti rreplikaw billi cittaw sentenzi fejn dan l-obbligu ma kienx ezawrit u l-eccezzjoni kienet michuda;

9. Fis-sentenza **John Grech et vs Onor Prim Ministru** et deciza fid-29 t'April 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2014, fost l-elementi mghodija in rassenja bhala linji jurisprudenzjali fil-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedji ordinarji, inghad hekk:
[5]

> **Meta r-rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;**
>
> **Meta r-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedju ordinarju, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.**

10. Fis-sent tal-QEDB fl-ismijiet **Case of Abdilla v Malta** li kienet tirrigwarda kundizzjonijiet fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn ir-rikorrenti allega lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu meta kien michud minhabba nuqqasijiet ta' facilitajiet sanitarji u ta' sahha u fejn ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji, inghad

[5] QEDB Fourth Sectio . Case 36199/15 tas-17.7.2018 reza finali fis-17.10.2018

hekk, wara li l-Gvern intimat irrikonoxxa illi l-eccezzjoni mhix wahda daqshekk akkolta mill-qorti:

> **In this respect the Government argued that – although this remedy had previously been rejected by the Court on the grounds that it lacked speed – they insisted that had a request for urgency been lodged it would have been granted if the domestic court had considered the request well founded.**

11. Dik l-eccezzjoni izda kienet michuda bis-segwenti *decide* u l-Qorti prosegwiet bis-smiegh:

> **24. The Court refers to the general principles stemming from its case-law and the assessment of the constitutional redress proceedings it made in *Story and Others v. Malta* (nos. 56854/13, 57005/13 and 57043/13, §§ 72-76 and 82-86, 29 October 2015) and finds no reason to alter the conclusions reached in that case and reiterated recently in *Yanez Pinon and Others v. Malta* (nos. 71645/13 and 2 others, § 76, 19 December 2017) that detainees in situations similar to that of the applicant in the present case were not required to have recourse to constitutional redress proceedings.**
>
> **25. As to the applicant's failure to request a change in cell, the Court reiterates that the cases brought before it, as well as relevant reports of the Committee for the Prevention of Torture ("the CPT"), indicate that the majority of the cells in the Corradino Correctional Facility are of more or less the same quality, particularly those in Divisions 2 and 3 in respect of which urgent refurbishment has been called for by the CPT since 2013. It follows that it has not been shown that the remedy referred to by the Government of requesting a change in cell would have in fact improved the applicant's situation (ibid., § 77). In the specific circumstances of this case, the applicant's failure to request a transfer cannot be held against him for the purposes of the exhaustion requirement.**
>
> **26. The Government's objection is therefore dismissed.**

12. Illi ghalhekk l-eccezzjoni in disamina jehtieg li tkun konsiderata mill-ottika ta' x'rimedju kien disponibbli lir-rikorrenti, iz-zmien qasir li fih kellha tinghata risposta sabiex jattendu l-funeral ta' huwhom u iz-zmien li fih wiehed jistenna li l-Qorti ta' kompetenza ordinarja setghet tiddeciedi il-kwistjoni wara l-eghluq tal-procediment bil-miktub. Fi kliem iehor, l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 ma kien ser joffri ebda rimedju ghat-talba urgenti tar-rikorrenti. Ghalhekk ma tarax li din l-eccezzjoni ghandha tkun akkolta.

Għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija, qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Intimati dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju.

L-ispejjez huma riżervati għall-ġudizzju finali.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

---

Nicole Cini
Deputat Reġistratur